MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 60/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jigi ikkudannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin u erbgha centezmi (Lm110.04) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21555711 (Acc. No. 10216314), liema servizz gie installat fil-fond NB. St. Leonard Street, Victoria, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala Dokument “A”.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut  gie debitament notifikat;

Ra l-kapitoliipprezentati mis-socjeta' attrici  fis-seduta tallum;

Billi ghalkemm notifikat regolarment ma deherx  u dan bla ma gieb ebda  raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet  ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM110.04 ammont  dovut lill-istess socjeta ghal servizz tat-telefon 21555711 bl-ispejjez  u bl-imghax  mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------